GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRASVERSALI

# ĊIRKULARI

**Ref:** **DDLTS 15/2025**

**Minn:** **Dr. Omar Seguna – Uffiċjal Edukattiv tal-Litterizmu Diġitali**

**Għal:** **Diretturi Generali**
**Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni**
**Chairpersons/Uffiċjali Eżekuttivi Ewlenija**
**Diretturi/Assistenti Diretturi**
**Kapijiet tal-Kulleġġi**
**Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat**
**Uffiċjali Edukattivi/Kapijiet tad-Dipartiment**

**Suġġett:** **Żvilupp Professjonali fil-Litteriżmu Diġitali fl-Iskejjel Primarji**

**Data:** **1 ta' Lulju 2025**

---

Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Trasversali għandu l-pjaċir jerġa' jippubblika s-sessjonijiet ta' żvilupp professjonali għas-sena skolastika 2025-2026. Dan jinstab fuq: https://bit.ly/DL_PD_Prospectus25_26.
Il-formola ta' reġistrazzjoni hija aċċessibbli minn: https://forms.office.com/e/LesjQGagpS.

Bit-tqassim tat- tagħmir 2-in-1 mal-istudenti kollha, huwa essenzjali li l-edukaturi jkunu kunfidenti u familjari mal-għodod tal-Microsoft 365. Għalhekk, dawn is-sessjonijiet jagħtu importanza b'mod partikolari għal Microsoft Teams, Sway, u Forms – għodod li jsaħħu l-kreattività, jappoġġjaw l-assessjar, u jinkoraġġixxu l-kollaborazzjoni tal-istudenti f'ambjent diġitali sigur.
Inkludejna wkoll taħriġ dwar l-Adobe Express for Education, li issa huwa disponibbli għall-għalliema u l-istudenti kollha permezz ta' liċenzji pprovduti mill-Ministeru. Din il-pjattaforma b'saħħitha ttejjeb l-espressjoni kreattiva u ttejjeb l-esperjenza tat-tagħlim diġitali.

Il-prospectus jinkludi wkoll taħriġ fuq applikazzjonijiet oħrajn li huma użati bil-bosta mill-edukaturi. Din is-sena, se jkun hemm enfasi qawwi fuq l-integrazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali (AI) fl-edukazzjoni, kif ukoll fuq l-iżvilupp tal-ħiliet fil-ħsieb komputattiv.

Biex jiġi żgurat is-suċċess fit-tul ta' dan l-iżvilupp professjonali, it-Timijiet ta' Tmexxija tal-Iskejjel (SLTs) huma mħeġġa jikkollaboraw mal-persunal tad-Direttorat għall-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Trasversali biex jikkoordinaw laqgħat tas-suġġetti bl-għan li jissaħħu l-kompetenzi diġitali fil-kurrikulu kollu.

Il-Kapijiet tal-Iskejjel huma ġentilment mitluba jinfurmaw lill-istaff tagħhom dwar dan il-prospectus u japplikaw permezz tal-formola tal-applikazzjoni pprovduta. Ikun wisq apprezzat jekk ma jsirx taħriġ min-naħa tagħna nhar ta' Ġimgħa, peress li dan il-jum huwa riservat għat-tħejjija għall-istaff tad-DDLTS.

**Is-Sur Neil Attard**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Trasversali**